# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 2011/98mm**

**Avukat Dottor Sandra Sladden ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone Malta Limited gia Telecell Limited**

**vs**

**Maison de Mode Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attrici fl-20 ta' Ottubru, 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' erba mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm484.97c) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-14 ta' Gunju 1996 sat-18 ta' Gunju 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta’ Gunju 1996 kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ konvenuta kienet avzat bil-miktub lis-socjeta’ attrici li hija ma tridx aktar acess ghall-uzu tal-mobile u airtime tal-istess mobile phone u ghalhekk hija m’ghandhiex thallas il-kera meta hija avzat bil-miktub lis-socjeta’ biex jinqatghalha dan is-servizz.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi illi gew imressqa quddiem il-Qorti mill-attrici jikkonsistu principalment f’prospetti fejn gew spjegati l-ammonti illi hemm mitluba fl-avviz. Dan il-prospetti qieghdin esibiti a fol 2 u 16 tal-process. Mill-bqija, l-kawza kienet qed tigi differita ghal probabbli transazzjoni liema transazzjoni ma sehhietx. Meta mbaghad il-kawza kienet differita ghall-provi l-konvenut ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu u ghalhekk il-Qorti trid toqghod biss fuq il-provi prodotti mill-attrici nomine. Minkejja n-

nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta dawn il-prospetti ma gewx ikkontestati.

Is-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi hija kienet avzat bil-miktub lis-socjeta' attrici li hija ma tridx aktar access ghall-uzu ta' *mobile u air time* ta' l-istess *mobile phone* izda, jekk verament saret, din l-ittra ma gietx prodotta mis-socjeta' konvenuta, quindi din l-eccezzjoni ma jistax jinghad illi ghandha xi fondament ghal dak li jirrigwarda l-provi illi ghandhom jigu mressqa quddiem il-Qorti. Il-Qorti ghalhekk trid toqghod fuq dak illi ghandha quddiemha illi kif gia nghad, huma biss il-prospetti esibiti. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex toqghod fuqhom u ghalhekk,

Taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-attrici nomine u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' erba mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm484.97c) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-14 ta' Gunju 1996 sat-18 ta' Gunju 1998.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg